MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2009

Appell Kriminali Numru. 7/2009

**Il-Pulizija**

**v.**

**David John Buttigieg**

**Il-Qorti**:

**1.** Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fid-9 ta' Jannar 2009, li permezz taghha David John Buttigieg (bin Philip u Rita, imwieled fl-iStati Uniti tal-Amerika fid-9 ta' April 1982 u detentur tal-karta tal-identita` nru 42799M) gie kkundannat ghall-piena ta' tmintax-il xahar prigunerija kif ukoll multa, u ordnat ihallas l-ispejjez peritali.

**2.** L-imsemmi Buttigieg tressaq b'arrest quddiem il-Qorti Inferjuri fis-26 ta' Novembru 2006, akkuzat talli bejn l-24 u l-25 ta' Novembru 2006 u fl-ahhar sentejn qabel dik id-data, f'dawn il-Gzejjer (**1**) assocja ruhhu ma' xi persuna

jew persuni ohra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibiegh jew jitraffika medicina psikotropika u ristretta (*ecstasy*) f'Malta bi ksur tal-ligi, (**2**) talli ittraffika, biegh jew qassam jew offra li jitraffika, jbiegh jew iqassam l-imsemmija medicina bi ksur tal-ligi, kif ukoll (**3**) talli kellu fil-pussess tieghu l-imsemmija medicina – medicina psikotropika u ristretta (*ecstasy*) – bi ksir tal-ligi, liema medicina nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu eskluzziv tieghu.

**3.** Bis-sentenza aktar 'l fuq imsemmija, l-imsemmi David John Buttigieg **gie liberat mill-ewwel imputazzjoni** <u>izda</u> **instab hati skond it-tieni u skond it-tielet imputazzjoni**. Il-Qorti, wara li ghamlet referenza ghad-disposizzjonijiet tal-ligi, inkluz l-Artikolu 120A (2B) tal-Kap. 31, ikkundannat lill-istess Buttigieg ghall-piena ta' **tmintax-il (18) xahar prigunerija** u **multa ta' Euro 770** (pagabbli b'rati ta' €70 fix-xahar bl-ewwel pagament dovut fi zmien erba' gimghat mid-data ta' dik is-sentenza, u bid-dekadenza mill-beneficcju tal-hlas rateali fil-kaz ta' nuqqas ta' xi pagament). Buttigieg gie wkoll ikkundannat ihallas parti mill-ispejjez peritali kif hemm indikat f'dik l-istess sentenza, u dan fi zmien xahar mid-data tal-istess.

**4.** David John Buttigieg talab is-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tas-sentenza (fol. 144), u, b'rikors intavolat fil-21 ta' Jannar 2009, huwa interpona appell mill-imsemmija sentenza u talab ir-riforma taghha fis-sens illi tigi konfermata in kwantu huwa instab hati ta' skond it-tielet imputazzjoni <u>izda minghajr il-kwalifika tal-pussess aggravat</u>, kif ukoll in kwantu gie liberat mill-ewwel imputazzjoni, izda tigi mhassra u revokata in kwantu sabitu hati skond it-tieni imputazzjoni, u li fi kwalunkwe kaz tigi riformata l-piena billi huwa jinghata piena "aktar ekwa u gusta ghall-fattispeci tal-kaz".

**5.** Jekk wiehed jaghsar dan ir-rikors ta' appell – li huwa wiehed inutilment twil, b'hafna referenzi li xi kultant bilkemm jiftehmu – isib illi l-aggravji tal-appellant huma bazikament tlieta: (i) li f'dan il-kaz huwa ma setax jinstab hati ta' traffikar ghax kullma sehh kien fil-fatt akkwist komuni (*joint purchase*) tal-pilloli *ecstasy* minnu u minn

certu Eliott Fenech; (ii) li ma kienx hemm provi sodisfacenti li a bazi taghhom l-ewwel qorti setghet tikkonkludi li l-pilloli li nstabu fuqu ma kienux ghall-uzu personali tieghu; u (iii) li fi kwalunkwe kaz il-piena fuqu inflitta ma kienitx taghmel ghall-kaz u ghall-fattispeci partikolari ta' l-istess.

**6.** Din il-Qorti ezaminat il-provi kollha bir-reqqa, u sejra issa titratta l-aggravji *seriatim*. Qabel ma taghmel hekk tajjeb li jinghad li l-fatti saljenti huma s-segwenti: fl-24 ta' Novembru 2006 il-pulizija li kienu ghassa fic-Cirkewwa nnutaw zewg zghazagh telghin il-vapur ghal Ghawdex, u dawn qanqlulhom suspett. Saret tfittxija fuqhom, u fuq kull wiehed minnhom irrizulta li kien hemm madwar mitejn pillola *ecstasy*. Skond l-appellant (ghax il-persuna l-ohra, cioe` Fenech, giet processata separatament u f'ebda hin ma iddeponiet fil-process kontra l-appellant) il-pilloli inxtraw minnhom minghand l-istess persuna.

**7.** L-ewwel qorti sabet lill-appellant hati skond it-tieni imputazzjoni, cioe` dik ta' traffikar, a bazi ta' dak li huwa stqarr lill-pulizija u li hemm riprodott fl-istqarrija tieghu (fol. 18 *et seq*.). In fatti l-appellant kien qal hekk:

**"Xi xahar ilu jien u Eliot konna ltqajna ma' wiehed Malti[1] f'Ghawdex go xi *disco*. Dan kien tani pillola tal-*ecstasy* b'xejn u kien qalilna li jekk inkunu rridu, hu ghandu, u tani l-*mobile number* tieghu u jiena tajtu tieghi. Darba xi hmistax ilu dan il-Malti kien cempilli u din il-gimgha rega' cempel ukoll u qalli li meta nkun irrid nigi ghax kellu l-*ecstasy*…Jien iddecidejt li nixtri 200 (mitejn), ftiehemt mal-Malti biex igibhomli u kif ser niltaqghu u inzilt Malta ghalihom il-bierah. Jien il-bierah kont ghidt lil Eliot li ser ninzel Malta ghall-*ecstasy* u hu qalli li jrid mitejn ghalih ukoll u biex lill-Malti nghidlu jahsbilna ghal 400 pillola. <u>Jien fil-fatt ergajt cempilt lill-Malti u ghidtlu jahsbilna ghal 400</u>. Jien u Eliot inzilna Malta mal-vapur ta' xi d-9.00 ta' filghaxija…Jien lill-Malti tajtu Lm650 u Eliot tah il-flus**

[1] L-appellant huwa Ghawdxi.

**tieghu, suppost l-istess ammont…"** (sottolinear ta' din il-Qorti).

Issa, kif tajjeb osservat l-ewwel qorti fis-sentenza appellata, skond l-Artikolu 120A(1B) tal-Kap. 31, il-kelma jitraffika tinkludi, fosta affarijiet ohra, *"id-distrubuzzjoni, il-produzzjoni, l-amministrazzjoni, il-provvista, li wiehed joffri li jaghmel xi wiehed minn dawn l-atti, u* <u>*l-ghoti ta' informazzjoni intiza biex twassal ghax-xiri ta' tali medicina bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza*</u>*."* (sottolinear ta' din il-Qorti). Il-kliem sottolineati huma aspett tad-definizzjoni ta' "traffikar" li ftit li xejn, sal-lum, inghatat importanza. Min jaghti informazzjoni <u>biex jiffacilita x-xiri (u l-bejgh korrispettiv) ta' droga bi ksur tal-ligi</u> ikun qieghed ukoll jitraffika. U hekk ghamel proprju l-appellant meta rega' cempel lill-"Malti" u qallu biex igib mieghu mhux 200 izda 400, biex dawn il-mitejn l-ohra jixtrihom Eliot. Qal x'qal l-appellant meta ddepona quddiem l-ewwel qorti, il-prova hija cara li kien hu (cioe` l-appellant) li intriga biex jassigura li il-"Malti" ikollu mieghu bizzejjed pilloli biex mhux biss jixtri hu, izda wkoll Eliot. Ghalhekk dana l-aggravju qed jigi respint.

**8.** It-tieni aggravju jirrigwarda l-aggravanti li l-pilloli li nstabu fuq l-appellant ma kienux ghall-uzu esklussiv tieghu. Wara li din il-Qorti ezaminat bir-reqqa id-deposizzjonijiet tal-psikjatra Dott. John Borg u ta' Noel Scerri (*Manager, Treatment and Rehabilitation* tal-Fondazzjoni Oasi), hija propensa li taccetta li ma giex sodisfacentement pruvat li l-ammont ta' pilloli li l-appellant xtara minghad il-"Malti" u li nstabu fuqu ma kienux ghall-uzu esklussiv tieghu – u dan minhabba d-dipendenza qawwija li huwa jidher li kellu fuq din id-droga, b'tali mod li kien anke jikkonsma numru minn dawn il-pilloli matul il-gimgha. Huwa minnu, kif tajjeb osservat l-ewwel qorti, li l-ammont (ta' droga) wahdu jista' jkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-imputat – u tali ammont jista' jkun anke ammont relattivament zghir. Pero` fil-kaz in dizamina hemm indikazzjonijiet qawwija – u dan apparti mid-deposizzjoni tal-istess appellant, allura imputat, quddiem l-ewwel qorti – li huwa kien jiehu

regolarment minn dawn il-pilloli bhala “self medication” minhabba l-problemi emozzjonali u ta’ natura psikjatrika li huwa kellu. Minkejja dan, pero`, l-ammont involut, billi kien wiehed konsiderevoli, xorta wahda kien jipprezenta perikolu ghal terzi, ghax dejjem ikun hemm il-perikolu li min ikollu dik il-kwantita` jista’ jasal biex joffri, anke jekk minghajr hlas, xi ftit minnha lil haddiehor li jkun hekk imhajjar. Fi kliem iehor, il-fatt li jkun hemm pussess semplici (cioe` mhux aggravat) izda ta’ ammont sostanzjali ta’ droga, ghandu, bhala regola, igorr mieghu xorta wahda l-piena ta’ prigunerija.

**9.** Kwantu ghall-piena, din il-Qorti tapprezza li l-appellant jidher li ghamel progress sostanzjali f’dik li hi r-riabilitazzjoni tieghu. L-ewwel qorti applikat ukoll l-Artikolu 29 tal-Kap. 101 – rez applikabbli ghal dan il-kaz bl-Artikolu 120A(2B) tal-Kap. 31 – b’zewg gradi. Kontra tieghu l-appellant ghandu l-fatt li hu ttraffika d-droga bil-mod kif inghad aktar ‘l fuq, kif ukoll kellu fil-pussess tieghu ammont li kien jipprezenta perikolu car ghal terzi, ukoll kif fuq inghad. Fi kwalunkwe kaz, din il-Qorti hi tal-fehma li ghandu jkun hemm temperament fil-piena proprju minhabba l-fatt li l-pussess li tieghu l-appellant kellu jinstab hati kien biss pussess semplici.

**10.** Ghall-motivi premessi, tiddisponi mill-appell interpost billi tirriforma s-sentenza appellata bil-mod segwenti: (i) tikkonfermaha f’dik il-parti fejn sabet lill-appellant mhux hati skond l-ewwel imputazzjoni u fejn sabitu hati skond it-tieni imputazzjoni; (ii) tikkonfermaha wkoll in kwantu sabitu hati skond it-tielet imputazzjoni, izda biss ta’ pussess semplici (u ghalhekk thassarha u tirrevokaha in kwantu ghall-aggravju li l-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu); (iii) thassarha u tirrevokaha f’dik il-parti fejn ikkundannatu ghall-piena ta’ tmintax-il xahar prigunerija u minflok tikkundannah ghall-piena ta’ ghaxar (10) xhur prigunerija; u (iv) tikkonfermaha fil-bqija, cioe` ghar-rigward tal-multa u tal-hlas ta’ l-ispejjez peritali, b’dan pero` illi b’rispett ghal dak li jipprovdi l-Artikolu 28(1) tal-Kap. 9, l-ewwel pagament rateali jkun dovut mhux aktar tard minn erba’ gimghat minn mindu l-appellant jiskonta l-piena ta’ prigunerija li qed tigi fuqu inflitta, u b’dan ukoll li l-

ispejjez peritali ghandhom jithallsu fi zmien xahar mil-lum. Il-Qorti tikkonferma wkoll id-distruzzjoni tad-droga taht is-sorveljanza tar-registratur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------